25 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Peralta

**Sewqan fi Stat ta' Sokor — Prova**

*F'każ ta' imputazzjoni dwar sewqan minn persuna li tkun xurbana, hu ċertament deżiderabbli li t-tabib, li jiġi msejjaħ mill-Pulizija sabiex jagħmel l-eżami ta' dik il-persuna, jiġi mitlub "hic et nunc" mill-istess Pulizija li jżomm notamenti dettaljati tal-eżami tiegħu bħala aimenu "aide memoire" għax-xhieda tiegħu eventwali. B'dan kollu ma hux eskluż illi, anki jekk ma jiġux osservati "ad unguem" it-"tests" preskritti, eppure l-kumpless tal-provi jkun sufficjenti biex iwassal il-Qorti għall-konklużjoni li l-imputat kien xurban fil-waqt li kien qiegħed isuq, u l-istat tiegħu ta' sokor kien tali li jaffettwa l-mod tas-sewqan.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Joseph Peralta, talli fl-20 ta' Diċembru 1956, f'xi s-6.15 p.m., saq il-car numru 9758 minn Rue D'Argens waqt li kien qiegħed taħt l-influwenza tax-xorb; barra minn dan, minħabba f'nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni, u għax ma osservax ir-Regolamenti, ħabat ma' car numru 14867, u għamlilha ħsara għad-dannu ta' R.E. Hall;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu kollha tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Frar 1957, li biha sabet lill-imputat ħati skond l-ewwel imputazzjoni u ddikjarat il-proċediment eżawrit, stante rinunzja, fuq it-tieni imputazzjoni, u kkundannat lill-imsemmi Joseph Peralta għall-multa ta' £40, u ordnat li jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal sena;

Rat ir-rikors tal-imputat, li biħ appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li, fil-waqt li tiġi konfermata fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit, stante rinunzja, fuq ittieni imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, u minflok tilliberaħ;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għalkemm f'każijiet simili hu deżiderabbli li jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Imħallef sedenti fis-sentenza minnu mogħtija in re "The Police vs. Groves", 18 ta' Ottubru 1948 (Kollez. XXXIII-IV-735), u għalkemm hu ċertament deżiderabbli li t-tabib, li jiġi msejjaħ mill-Pulizija sabiex jagħmel eżami simili, jiġi mitlub "hic et nunc" mill-istess Pulizija li jżomm notamenti dettaljati tal-eżami tiegħu bħala almenu "aide memoire" għaxxhieda tiegħu eventwali (u l-Qorti tagħmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet), b'dana kollu ma hux eskluż li, anki jekk ma jiġux osservati "ad unguem" it-"tests" preskritti, eppure l-kumpless tal-provi jkun suffiċjenti biex iwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li l-imputat kien xurban fil-waqt li kien qiegħed isuq, u l-istat tiegħu ta' sokor kien tali li jaffetta l-mod tas-sewqan;

Fil-każ preżenti l-Qorti tħoss li, in bażi għall-provi magħmula, hi tista' tasal b'sikurezza għal dik il-konklużjoni għar-rigward tal-imputat odjern;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap lilha devolut b'dan l-appell. Żmien għall-ħlas xahar mil-lum. Is-sospensjoni tal-liċenza tibda minn għada, 26 ta' April, 1957.

---